INFORMAZZJONI MILL-ISTATI MEMBRI

Informazzjoni li għandha tiġi pprovduta skont l-Artikolu 5(2)

Ħolqien ta' Raggruppament Ewropew ta' Kooperazzjoni Territorjali (REKT)

(Regolament (KE) Nru 1082/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2006 (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 19))

(2022/C 115/09)

I.1) **Isem, indirizz u punt ta' kuntatt**

Isem uffiċjali: Parc naturel européen Plaines Scarpe-Escaut

Sede: Rue des Sapins 31, 7603 Bon-Secours, il-Belġju

Punt ta' kuntatt: Isabelle Zarlenga, Direttur

Indirizz elettroniku tar-Raggruppament: https://plaines-scarpe-escaut.eu

I.2) **It-tul taż-żmien tar-Raggruppament:**

It-tul taż-żmien tar-Raggruppament: indefinit

Data tar-reġistrazzjoni: 6 ta' Settembru 2021

Data tal-pubblikazzjoni: 28 ta' Ottubru 2021

II. **OBJETTIVI**

L-għan mhux għall-profitt tar-Raggruppament, kemm fil-Belġju kif ukoll barra mill-pajjiż, f'ismu jew f'isem il-membri tiegħu, huwa li jiffaċilita, jippromovi u jmexxi l-kooperazzjoni transfruntiera bejn il-membri tiegħu fit-territorju definit fl-Artikolu 3 tal-Istatut.

Għalhekk, ir-Raggruppament iwettaq proġetti fl-ambitu tal-kompiti tal-membri tiegħu kif iddefiniti fil-Karta tal-Park Naturali Reġjonali Scarpe-Escaut imġedda bid-Digriet Ministerjali Nru 2010-1021 tat-30 ta' Awwissu 2010 u l-pjan ta' ġestjoni tal-Park Naturali ta' Plaines de l'Escaut adottat mill-Ministru tal-Wallonja għall-Agrikoltura, in-Natura u l-Affarijiet Rurali fl-1 ta' April 2015.

Dawn il-proġetti għandhom l-għan li jsaħħu l-identità transfruntiera tat-territorju kkonċernat. Ir-Raggruppament ifassal u jimplimenta pjan ta' azzjoni.

Ir-Raggruppament huwa awtorizzat biex iwettaq xogħlijiet jew li jkun l-iżviluppatur tax-xogħlijiet meħtieġa sabiex iwettaq l-għan tiegħu u fit-territorju definit fl-Artikolu 3. Ir-Raggruppament jista' jikkonkludi kuntratti jew ftehimiet. Ir-Raggruppament jista' wkoll ifittex kull tip ta' finanzjament, pubbliku, privat u b'mod partikolari finanzjament Komunitarju, biex jimplimenta programmi u proġetti ta' kooperazzjoni territorjali. Ir-Raggruppament jikkoordina l-implimentazzjoni tal-proġetti kofinanzjati b'dan il-mod.

Bħala regola ġenerali, ir-Raggruppament għandu kapaċità ġuridika sħiħa biex iwettaq l-atti u t-tranżazzjonijiet kollha direttament jew indirettament relatati mal-għan tiegħu jew li jkunu tali li jiffaċilitaw, direttament jew indirettament, kompletament jew parzjalment, il-kisba ta' dak l-għan.

III. **DETTALJI ADDIZZJONALI DWAR ISEM IR-RAGGRUPPAMENT**

Isem bl-Ingliż: European Natural Park Plaines Scarpe Scheldt

Isem bil-Franċiż: Parc naturel européen Plaines Scarpe-Escaut

IV. **MEMBRI**

IV.1) **Numru totali ta' membri fir-Raggruppament:** 2

IV.2) **Nazzjonalitajiet tal-membri tar-Raggruppament:** FR, BE

IV.3) **Informazzjoni dwar il-membri** ([1])

Isem uffiċjali: ASBL Commission de gestion du Parc naturel des Plaines de l'Escaut
Indirizz: Rue des Sapins 31, 7603 Bon-Secours, il-Belġju
Indirizz elettroniku: http://plainesdelescaut.be
Tip ta' membru: raggruppament magħmul minn 8 awtoritajiet lokali

Isem uffiċjali: Syndicat mixte de gestion du Parc naturel régional Scarpe-Escaut
Indirizz: 59731 Saint-Amand-les-Eaux, Franza
Indirizz elettroniku: http://www.pnr-scarpe-escaut.fr/
Tip ta' membru: korp regolat mil-liġi pubblika

([1]) Jekk jogħġbok żid għal kull membru.